TRIBUNAL GĦAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

CCT/382/11/S

David Cassar
Vs
Ekin Limited

Illum 18 ta'Mejju,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' David Cassar datata 5 ta'Settembru,2011 u r-risposta tas-socjeta intimata Ekin Ltd datata 6 ta'Frar,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u r-rapprezentanti taghhom;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda zarbun mixtri fil-perjodu ta' "sales" u li allegatament selah saqajn ir-rikorrent;

Illi jinghad mal-ewwel li ghax oggett inxtara fil-perjodu tas-"sales", id-drittijiet u l-obbligi tal-venditur u tax-xerrej jibqghu bla mittiefsa;

Illi fi kwalunkwe kaz, jekk ikun hemm xi kundizzjonijiet, dawn iridu jkunu cari quddiem ix-xerrej qabel jaghmel l-ghazla tieghu;

Illi dan it-Tribunal mhuwiex konvint li z-zarbun in kwistjoni intlibes barra kif allegat is-socjeta intimata liema allegazzjoni giet michuda mir-rikorrent;

Illi r-rikorrent ma cahadx li kien ipprova z-zarbun darbtejn f'jumejn separati u ddecieda li jixtri l-imsemmi zarbun;

Illi minn dak li ghandu quddiemu t-Tribunal, ma jirrizulta ebda difett fil-prodott u ma ngabet ebda prova dwar dan;

Illi min jallega jrid jipprova u dan ma sehhx daparti tar-rikorrent;

Illi jidher car li r-rikorrent kellu z-zmien kollu biex jiccekkja z-zarbun sew u anki ppruvah darbtejn;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' David Cassar u Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Ekin Limited, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru